MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 427/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Ian Mizzi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 467789(M) li hu akkuzat talli:

1. nhar is-27 ta' Jannar 2008 bejn is-2:30p.m. u l-5:00p.m. fi Triq San Frangisk, Fgura, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru HAF-165 fuq

vettura tal-ghamla Hyundai Pony (numru tar-registrazzjoni originali KAQ-175); (skond l-Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhalt n-numru tar-registrazzjoni HAF-165 fuq vettura tal-ghamla Hyundai Pony (numru tar-registrazzjoni originali KAQ-175); (skond l-Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' pjanci ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAF-165 minn fuq vettura ta' l-ghamla BNR ghad-detriment ta' Michael Mercieca u ta' l-Awtorità dwar it-Transport, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa (skond l-Art. 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, soqt vettura ta' l-ghamla Hyundai Pony bin-numru tar-registrazzjoni KAQ-175 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan (skond l-Art 15 tal-Kap 65);
5. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Hyundai Pony bin-numru tar-registrazzjoni KAQ-175 minghajr ma kienet licenzjata ma l-awtoritajiet koncernati (skond l-AL476/04 Sec 14);
6. saq vettura tal-ghamla Hyundai Pony bin-numru tar-registrazzjoni KAQ-175 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurtà (skond l-Art. 3 (1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta);
7. kellu il-licenzja tal-vettura mhux imwahhla mal-windscreen (skond l-Kap 65 Skeda 2).

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata fir-rigward l-akkuzi kollha kontrih dedotti.

L-imputat kien appena għalaq it-tmintax-il sena u l-fatti li taw aditu għall-akkuzi odjerni l-partijiet jaqblu li kienu frott tal-immaturità tal-imputat milli minn attegjament kriminuz.

Inghad dan u wara li rat l-Artikolu 188, 189, 271g, 17 u 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 15 u l-iskeda ta' tnejn tal-Kap 65, l-Artikolu 14 tal-Avviz Legali 476/04 u l-Artikolu 3 subartikolu 1 tal-Kap 104 fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi, tikkundannah:

- fir-rigward l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mil-lum;
- fir-rigward ir-raba akkuza, sebghin euro multa;
- fir-rigward il-hames, tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin cents multa;
- fir-rigward is-sitt akkuza sentejn prigunerija sospizi ghall-sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9;
- fir-rigward id-disa' u l-ahhar akkuza billi tiddikjara assorbita.

Tordna fl-ahharnett il-konfiska tal-vettura KAQ-175 u l-pjanci bin-numru ta' registrazzjoni HAF-165 fuqhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------